MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**

**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2015

Numru. 200/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Pierre Grech**

**VS**

**Eric Zammit detentur tal-karta tal-identita' numru 223486M;**

## Il-Qorti;

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Eric Zammit** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar il-25 ta' Frar, 2006, u matul ix-xahar ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li kienu maghmulin b'risoluzzjoni wahda:

A. Forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna/i jew ghal persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmfanittura jew iforni d-droga, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

B. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifrikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmfanittura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kinx b'x mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-

droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

C. U aktar talli kkometta dawn ir-reati fi jew gewwa distanza ta’ mitt (100) metru mill-parametru ta’ skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh, jew ir-reat ikkonsista bil-bejgh, fil-provvista, fl-amministrazzjoni, jew f’li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti lil minuri;

D. U aktar talli nhar il-25 ta’ Frar, 2006, gewwa dawn il-Gzejjer, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkaguna l-mewt ta’ Daniel Abela ta’ sittax(16)-il sena bin Joseph u l-mejta Mary nee’ Abela, residenti 89, Rainbow, Triq il-Kbira, Zejtun, u detentur tal-karta tal-identita’ numru 242389M, u dan bi ksur tal-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi fl-interrogatorju l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu; kif ukoll illi mibghuta l-Artikoli ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll l-Ordni u l-Kontro Ordni tal-Avukat Generali.

L-Artikoli mibghuta jaqraw:

- Fl-Artikoli 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- Fl-Artikloli 23 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ix-xhieda kollha migjuba, id-dokumenti prezentati, u semghet it-trattazzjonijiet relattivi.

Illi l-fattispecie ta' din il-kawza huwa l-mewt b'overdose ta' guvnott Daniel Abela, overdose ta' eroina li allegatament kien jixtri u xtara, stante li l-guvnott Daniel gia' kien ittiehed l-Isptar, minghand l-imputat.

Ghalhekk xehed l-**<u>Ispettur Anthony Cassar</u>** dwar l-informazzjoni li rceviet il-pulizija dwar guvnott ta' sittax(16)-il sena li kien qed isofri minn overdose. Dan gie ezaminat minn Dr Michael Spiteri u gie certifikat fil-periklu tal-mewt. Xehed dwar tfittxija li saret fir-residenza ta' hu l-vittma – certu Adrian Abela, li tat rizultat fin-negattiv. Xehed illi gew mitkellma kemm dan Adrian – hu l-vittma, il-missier Joseph, u l-partners taghhom.
Qal illi aktar tard dan Daniel fil-fatt miet. Saret anke Inkjesta Magisterjali. Dwar l-allegat l-involviment tal-imputat, waslu ghal certu Clyde Zahra li minghandu l-pulizija saret taf illi nxtrat id-droga minghand l-imputat, detto l-Bambocc. Ghalhekk gie mitkellem l-imputat li rrilaxxa zewg (2) stqarrijiet ezebiti a folio 8 u 12, Dok CSH2 u Dok CSH3 rispettivament.

Anke l-**<u>Ispettur Nadia Lanzon</u>** xehdet dwar l-involviment taghha f'din l-investigazzjoni. Qalet illi fuq dan l-incident, wara li Daniel Abela ddahhal l-Isptar, hi talbet lil Dr Grixti biex jaghmel rapport bil-miktub dwar l-informazzjoni li kien tah Adrian Abela - hu l-vittma. Hekk sar, u dan ir-rapport ghadda ghandha. Ghalhekk ziedet illi ordnat illi kellhom jingabru kemm Adrian Abela kif ukoll il-girl friend tieghu li hi kellmet l-ufficju. Tkellmet anke ma' missier il-vittma, certu

Joseph Abela. Dawn xehdu aktar tard fil-mori ta’ dawn il-proceduri. Anke hi kkonfermat illi gie mitkellem certu Clyde Zahra li allegatament ipprovda d-droga lil Daniel u li da parti tieghu suppost xtara minghand il-Bambocc.
Tat aktar tard dettalji dwar dan. xehdet ghalhekk illi hi, fil-kors tal-investigazzjoni taghha, qalet illi anke ordnat illi jingabar Adrian Abela u l-girlfirned tieghu Stefanie Borg. Ordnat anke li jingabru c-cellulari. Tkellmet ukoll ma’ missier il-mejjet – Jospeh Abela, dwar meta kien ra l-ahhar lil ibnu. Xehdet illi gie mitkellem Adrian Abela u Stephanie Borg. Kienet minn hawn illi hi hadet konjizzjoni ta’ dak illi kien okkorra fir-residenza ta’ hu l-mejjet Adrian Abela, cioe’ bl-overdose ta’ huh Daniel. Xehdet illi tkellmet ukoll ma’ Clyde Zahra li maghha ammetta li kien igib id-droga minghand il-Bambocc li kien jismu Eric li kellu karozza BMW sewda. Spjegalha, skondtha, kif dan Zahra Clyde kien xtara s-Sibt ta’ qabel droga minghand dan il-Bambocc. Skont ma qallha dan Clyde, minghand il-Bambocc kien xtara erba’ (4) pakketti skont dan Zahra, hu u l-mejjet marru hdejn il-Gibjun biex ikunu jistghu juzaw din id-droga flimkien. Kienet ghalhek minn tali nformazzjoni li tghid l-Ispettur illi waslu ghal Eric Zammit l-imputat. Spjegat fit-tul fix-xhieda taghha dak illi qallha l-istess imputat fl-istqarrijiet – tnejn (2), minnu rilaxxati. Din ser tigi ezaminata minn din il-Qorti fi stadju aktar avvanzat ta’ din is-sentenza.

Xehdet ukoll dwar it-tfittxijiet li saru fir-rispett ta’ siringi li allegatament kien rea Adrian Abela fi skip vicin ir-residenza tieghu. Anke din it-tfittxija tat rizultat fin-negattiv. Dan dejjem fuq informazzjoni li Adrian Abela kien ta meta mitkelle mill-Ispettur Lanzon. Xehdet ukol illi tkellmet ma’ nies li allegatament xtraw id-droga minghand l-imputat, certu

Michael Mamo, Glen Spiteri, Kyle Buhagiar. Ix-xhieda ta' dawn ser tigi riprodotta aktar tard.

Ikkonfermat in kontro ezami li rrizultalha li Adrian Abela biex igib lil huh f'sensieh tah tliet (3) injezzjonijiet.

Ezebiet l-Ispettur l-ircevuta mahruga lill-imputat tal-flus maqbuda minghandu – Dok NL3; u Dok NL4 ritratti tal-BMW sewda li allegatament kienet tintuza mill-imputat anke biex jaqdi ghad-droga biha.
Aktar tard l-istess Spettur ezebiet ukoll certifikat tal-mewt ta' Daniel Abela.

Kif gia' premess, fuq dan l-incident giet redatta Inkjesta Magisterjali bil-hatra ta' varji esperti. Senjalament xehdu t-Tobba nominati.

**Dr Mario Scerri** kkonkluda hekk fir-relazzjoni tieghu:
"
*Illi wara li l-esponent studja bir-reqqa l-medical history file tal-imsemmi Abela, jikkonkludi:*

1. *Illi Daniel Abela ttiehed lejn l-Isptar San Luqa permezz ta' Ambulanza minn Flat 13, Waterline Apartments, Triq il-Qaliet, Marsascala, nhar is-26 ta' Frar, 2006;*

2. *Illi r-resuscitation bdiet fuq il-locus u tkompliet fl-ambulanza;*

3. *Illi meta Abela ddahhal l-Isptar San Luqa ntab li kellu asystole u beda mmedjatament l-active life support;*

4. *Illi Abela gie ntubat immedjatament, ittiehdu l-kampjuni necessarji nkluzi dawk ghall-analizi tossikologici u gie trasferit immedjatament fit-Taqsima tal-Kura Ntensiva tal-Isptar San Luqa;*

5. *Illi meta ddahhal l-Isptar Abela nstab li kellu fixed dilated pupils;*

6. *Illi ghalkemm Abela rrisponda ghar-resuscitation, il-kundizzjoni newrologika tieghu kienet wahda dghajfa hafna tant illi ma kinx hemm evidenza ta' recovery u eventwalment dan miet nhar it-28 ta' Frar, 2006;*

7. *Illi mill-ezami tal-medical history file jidher minghajr dubbju li l-kura fl-Isptar San Luqa kienet wahda eccellenti u ma kinx hemm evidenza ta' mismanagement jew ta' negligenza;*

8. *Illi fuq il-persuna ta' Daniel Abela nstabet puntura friska fuq id-driegh tax-xellug u tbengila fuq id-dorsum tal-pala tal-id ix-xellugija;*

9. *Illi waqt l-awtopsja nstabet puntura ohra fuq l-aspett posterjuri tal-id ix-xellugija (forearm);*

10. *Illi mill-ezamijiet tossikologici jidher illi kien hemm presenza t'opiates u metabolites ta' heroin li jindikaw illi Abela ha jew gie moghti l-eroina ftit qabel ma ddahhal l-Isptar San Luqa;*

11. *Illi kollox jindika li Abela miet kaguna ta' overdose ta' droga.*"

**Dr Michael Sammut** ikkonkluda li mil-ezami tossikologiku fuq Daniel Abela, instabu 7,000mg/1 ta' morfina, 2,400/mg/1 6-MAM u 1,200mg/1 ta' codeine.

Il-**Profs Marie Therese Camilleri u Dr Ali Salfraz** bhala patologisti kkonkludew illi Daniel Abela miet minhabba "*……necrosis of the brain following heroin overdose.*" (folio 224).

Il-**Perit Richard Aquilina** li ghamel xoghol lilu ndikat ta' kejl minn hdejn bus stop, gibjun, u bandli, ikkonkluda li f'cirku b'ragg (radius) ta' mitt (100) metru, jinqabdu football pitch, il-gibjun, u l-bandli (folio 272).

Il-Qorti terga' tezamina din ir-relazzjoni aktar tard wara li tkun rat ix-xhieda migjuba.
Jigi premess pero, illi dan il-kalkolu l-Perit ghamlu fuq dak indikat lilu minn Clyde Zahra.

**Dr Martin Bajada** minn naha tieghu ezebixxa r-relazzjoni tieghu bhala Dok MB – fiha juri li hu ghamel ezami u analizi tac-cellulari kollha li gew elevati minghand Clyde Zahra (Dok MB folio 552), u tal-mejjet Daniel Abela.
Jidhru minn dan l-ezami wkoll varji ritratti li jinsabu fic-cellulari ta' Clyde Zahra – in partikolari ritratt imsemmi Zekik a folio 624, illi fuqu saret referenza mid-Difiza kemm fil-kontro ezami kif ukoll fit-trattazzjoni taghha.
Dwar dan ir-ritratt id-Difiza staqsiet gialadarba kien hemm ritrtatt imsemmi Zekik, jekk Clyde Zahra kellux fic-cellulari tiehgu isem Michael Mamo jew Zekik – Dr Bajada ghal dan irrisponda fin-negattiv.

Xehdu varji membri tal-familja tal-mejjet Daniel Abela – hutu u missieru, u anke n-nisa taghhom.

Missier il-mejjet – **Jospeh Abela**, xehed illi ibnu Daniel kien xi hin infurmah illi kien hiereg, dan kien jghix mieghu. Widdbu biex ma jmiss xejn. Meta rritorna lura dan Daniel u x-xhud kellmu fuq zewgt (2) itfal illi marrulu wara l-bieb, li jghid hu qatt ma rahom b'ghajnejh. Widdeb lil ibnu, ghax dawn staqsewh ghalih, illi hu ma ridx hbieb wara l-bieb tad-dar. Qal illi telaq jorqod ghax kien xoghol bil-lejl. Qal illi fl-4.00am cemplulu li rieduh l-Isptar. Hemm sab lil ibnu Daniel stirat.

Mistoqsi jekk kinx jaf li Daniel kellu problema ta' droga, wiegeb illi d-dar qatt ma ra sinjali ta' xejn. Dwar ibnu Adrian qal illi minhabba l-inkwiet kien keccieh mid-dar (inkwiet ta' droga).

**Alice Briffa**, il-partner tal-missier Joseph, xehdet illi meta waslet lura mill-Karnival bit-tifel iz-zghir Fabian (hu Daniel), il-gurnata tas-Sibt, rat wiehed ihabbat il-bieb u fetahlu Daniel. Kellmet lil Daniel minhabba li missieru kien gia' widdbu li ma ridx hbieb id-dar. Ziedet illi fis-7.30pm, dan Daniel avzaha illi kien hiereg, sejjer party.
Ikkonfermat illi Adrian, allura wkoll hu Daniel, kellu problema ta' droga, ghaliha sustanza kannella. Xehdet illi kien fuq hekk illi l-missier keccieh mid-dar.

**Fabian Abela**, allura hu Danel iz-zghir (ta' tnax(12)-il sena), xehed wara li gie lilu spjegat il-gurament u s-sinjifikat tal-verita'.
Ikkonferma li meta kienu waslu lura mill-Karnival, ra lil Clyde ihabbat il-bieb. Qal illi dan Clyde anke dahal gewwa

fid-dar taghhom. Qal illi hu lil dan kien jafu mill-Iskola. Qal illi ghalih dik kienet l-ewwel darba li dan Clyde mar ghandhom.

Hu Daniel il-kbir, **Adrian Abela**, qal da parti tieghu, illi hu kien ghadda ghall-huh iz-zghir Daniel iz-Zejtun, gabru minn fuq iz-zuntier. Qal illi marru fil-flat tieghu fejn hu dahal jinhasel. Sema' lit-tfajla tieghu twerzaq. Hareg jigri u sab lil huh Daniel vjola. Ipprova jgibu f'tieghu jghid billi xarrbu fix-shower, ghamillu s-silg u anke taqqbu bil-melh. Taqqbu fil-vina tliet (3) darbiet. Qal illi huh kien jidher li waqa' f'overdose u li kien ha l-smack. Qal ukoll illi kien jaf li huh kien ilu xahrejn (2) li beda jiehu l-smack.
Xehed illi meta gabar lil huh, dan rah ma' habib tieghu – certu Clyde, illi kien tampar huh – sittax(16), sbatax(17)-il sena.

Qal illi meta taqqbu bil-melh, wiccu rega' ha l-kulur, anke fetah ghajnejh. Beda jghidlu li kien all right. Tefghu fuq is-sodda jistrieh, qaghad hdejh il-lejl kollu. Qal illi f'nofs il-lejl beda jtella' r-rahwa minn go halqu. Cempel l-Ambulanza. Qal illi bis-siringa '*shots*' tal-melh tah tlieta (3). Xehed ukoll illi rema s-siringa fi skip wara li giet l-Ambulanza. Zied illi meta aktar tard, kif fil-fatt gara, marru jfittxuhom is-CID, ma sabuhomx hemm.

Ammetta li kellu problema ta' droga, pero moghti l-caution ghazel illi ma jwegibx aktar fuq dan is-suggett.

Mistoqsi ghala tefa' s-siringi go skip la kienu mimlija biss bil-melh, wiegeb ghax kif kien hiereg, sejjer lejn l-Isptar, tefagghom fl-skip.

Assigura li fis-siringi ma kinx hemm droga. Qal pero li l-ewwel is-siringi ramiehom got-dustbin tad-dar, umbaghad meta kien hiereg ramiehom go skip.

Minn naha taghha, il-partner tieghu – certa **<u>Stefania Borg</u>**, ukoll xehdet illi fil-flat kienu hi, Adrian u Daniel. Qalet illi meta marret fil-kcina rat lil Daniel li kien blue, ghajtet lil Adrian. Xarrbulu wiccu bis-silg u ziedet illi Adrian anke tah daqqiet bil-melh. Cemplu l-Ambulanza, u haduh l-Isptar. Xehdet illi hi kienet tghix ma’ Adrian, pero kienet habiba hafna ma’ Daniel li pero ma kinx joqghod maghhom. Hi kkonfermat illi gabru lil Daniel minn hdejn il-Knisja taz-Zejtun, pero ghaliha kien wahdu. Ziedet illi ghaliha, ghalkemm ghajnejn Daniel dehru baxxi, pero tghid illi kellimha normali. Xehdet pero illi meta sabitu fil-kcina, kien mitluf minn sensieh.

Spjegat illi Adrian gab - ma tafx minn fejn, ic-citric acid, melh u siringa. Kienet certa li ghalkemm Daniel deher illi kien ahjar, pero ma giex f’sensieh mija fil-mija. Qalet illi ma kinitx taf li Daniel kien fil-fatt jiehu l-smack. Ghaliha kien ipejjep l-smoke.

Dwar Adrian, in kontro ezami qalet dwar il-problema tad-droga tieghu, illi ma kinitx taf ezatt. Tghid illi saret taf biss kif gara dan l-incident. Qalet pero li anke fil-konfront ta’ Adrian, kienet taf li jpejjep l-smoke.

Wiegbet illi ma kinitx taf minn fejn Adrian kien gab ic-citric acid u s-siringi; u lanqas ma kienet tat kaz li hu u hiereg kien rema’ l-garbage bag go l-skip. Ma kinitx taf tirrispondi x’kien gara mill-labar u c-citric acid. Qalet illi hi l-hin kollu kienet mohhha f’Daniel.

Ziedet illi x'hin Adrian kien qed jinjetta lil huh, ma kinitx taf x'kien fiha s-siringa, u li kien wara li Adrian qallha bil-kontenut. Ziedet illi hi saret taf li Daniel kien waqa' f'overdose ghax kien qallha Adrian. Baqghet insistenti li ma kinitx taf Adrian minn fejn gab is-siringa, pero ziedet illi mlieha hdejha.

Xehdu wkoll varji persuni dwar ix-xiri ta' droga minghand l-imputat.

Fl-ewwel lok jinghad illi giet ezebita x-xhieda guramentata ta' Clyde Zahra. Illi pero Clyde Zahra, in vista' li kien ghad kellu l-kawza tieghu sub-gudice, ghazel kif kien drittu li ma jixhidx.

Illi fil-fatt, kif gia' inghad, kien dan Clyde Zahra li orginarjament wassal lill-pulizija ghall-imputat.

Hawn il-Qorti ser tagheml ampja referenza ghad-digriet gia' minnha moghti f'dan ir-rigward, a folio 802, fejn kienet iddisponiet mit-talba tad-Difzia li tigi sfilzata jew ahjar dikjarata inammissibbli x-xhieda ta' Zahra.

Maghdud ma' dak illi qalet din il-Qorti fid-digriet Taghha hawn suriferit, din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghal dak illi qalet il-Qorti Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "***Ir-Repubblika ta' Malta vs Matthew John Migneco***" deciza nhar it-8 ta' April, 2010, fejn intqal is-segwenti:

"*S'intendi, dana l-Artikolu 30A tal-Kap. 101 irid dejjem jinqara fid-dawl tad-disposizzjonijiet generali tal-Kodici Kriminali (eccetwat l-Artikolu 661 tal-istess Kodici, li ghalih l-Artikolu 30A jaghmel deroga espressa). Issa, l-Artikoli*

*549(4) (u ma jistax ikun hemm dubju li l-intervent ta' Magistrat taht is-subartikoli (12) u (13) tal-Art. 24A tal-Kap. 101 hija forma ta' inkjesta dwar l-in genere b'modalitajiet kemm xejn differenti mehtiega ghall-finijiet tal-istess Kap. 101) u 646(2) tal-Kap. 9 huma cari fil-portata taghhom: id-deposizzjoni regolarment moghtija fl-inkjesta dwar l-in genere (bhalma hi dik a fol. 137 sa 144) tista' tingieb bhala prova, u mhux semplicement ghall-finijiet ta' kontroll, basta, pero`, li x-xhud jingieb ukoll fil-qorti biex jigi ezaminat viva voce...hlief jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab... (ara l-proviso tas-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 646). Mill-attijiet ta' l-istruttorja (fil-konfront ta' l-akkuzat Migneco) ma jirrizultax li dana Rizzo hu inammissibbli ghal xi raguni kontemplata fil-ligi, anqas li hu "ko-akkuzat" fis-sens kif il-gurisprudenza interpretat a contrario sensu l-Artikolu 636(b) tal-imsemmi Kap. 9. F'kaz li, fil-kors tal-guri kontra l-akkuzat Migneco, dana Rizzo jkun ghadu hekk "ko-akkuzat", allura huwa ma jkunx ammissibbli bhala xhud u anqas id-deposizzjoni tieghu hawn aktar 'l fuq imsemmija ma tkun hekk ammissibbli.*"

Issa pero, apparti x-xhieda guramentata ta' Clyde Zahra, illi qatt ma giet ezaminata in kontro ezami mid-Difiza, il-Prosekuzzjoni ressqet provi ohra f'dan ir-rigward.

**Michael Mamo** xehed u kkonferma li hu kien igguramenta l-istqarrija minnu rilaxxata. Qal illi filghodu, ghax kien ftit mugugh, cempel lill-Bambocc li hu gharaf fl-Awla bhala l-imputat. Qal illi cempillu biex jaqdieh bl-smack. Dan wiegbu li kellu jaghtieh ftit cans. Qal illi wara kwarta rega' cempillu, mar u qdieh – tah pakkett u nofs. Qal illi wasal id-dar, ha l-smack, u waqa' overdose. Kienet ommu skondtu li gabitu f'sensieh ghax bdiet taghtieh fuq wiccu. Spicca l-Isptar.

Ghalkemm xehed illi hu kien ilu xi seba’ (7) snin jiehu d-droga, zied illi lill-Bambocc ma tantx kien ilu jaf - forsi xahar (1) qabel. Zied ukoll illi dan kien jinsisti mieghu biex irabbi l-ghaqal. Xehed illi kien ilu xi erbat (4) ijiem jixtri minghandu – pakkett kull darba ghall-prezz ta’ erba’ liri Maltin (Lm4.00). Qal illi biex jinqeda kien icempillu u li dan kien imur jaqdieh b’karozza BMW sewda. Iddeskriva li d-droga li kien jixtri kienet tkun f’pakkett maghmul minn karta bil-linji.

Qal illi kien certu Clyde li kien laqqghu ma’ dan il-Bambocc. Iddeskriva li ma’ dan kien jiltaqa’ hdejn il-bandli ta’ San Martin taz-Zejtun. Qal illi dan Clyde kien fil-fatt miz-Zejtun.

Qal ukoll illi kien Clyde li kien tah il-mobile number tal-Bambocc.

Ikkonferma l-istqarrija guramentata. Hawn ippreciza li d-droga li kien jixtri minghand il-Bambocc kienet tkun imkebba go karta ta’ pitazz.

Dwar kif kien jiltaqa’ mieghu, qal illi kien jistennieh hdejn il-Gibjun taz-Zejtun - gieli jghaddilu d-droga u jsuq ‘l hemm, u gieli anke rikkbu fil-karozza u qdieh hekk. Qal anke fl-istqarrija li minghand il-Bambocc kien jixtri l-eronia.

Zied illi issa bl-ghajnuna, kien qieghed go programm.

In kontro ezami zied illi mill-programm kien gie mkecci, ghalkemm qal illi kien qieghed bil-ghaqal. Mistoqsi la ma kinx jahdem fiz-zmien li kien jiehu l-eroina, kif kien igib il-flus ghad-droga, wiegeb illi kien jissellef, illi kien jiehu d-droga skont kemm kien ikollu flus, pero kkalkula pakkett (1)

kuljum. Qal illi d-dejn kien ihallsu billi jaghmel xi part-time, semma' l-SGS.

Ikkonferma li kellu n-nurmu ta' Clyde fuq il-mobile, pero mhux tal-Bambocc. Innega li kien jixtri jew ibiegh lil dan Clyde. Innega li hu qatt ta droga lill-Bambocc. Innega li hu qatt ha droga mal-Bambocc. Ikkonferma li l-Bambocc kellu karozza BMW sewda. Qal illi d-dejn kien ihallsu billi jfaddal in-naqra li kien ikollu tal-flus.

Innega li kien jaf lil Daniel jew Adrian Abela. Insista li ghalkemm kien habib ma' Clyde u kien jaf illi kien jiehu d-droga, pero qatt ma xtara minghandu.

Innega li hu qatt biegh jew gab droga ghal haddiehor.

Insista li hu kien xtara d-droga minghand Eric Zammit detto l-Bambocc; gharfu fl-Awla nonostante li xehed illi kien ilu ma jarah snin.

**<u>Kyle Buhagiar</u>**, xhud iehor migjub mill-Prosekuzzjoni - dan kellu l-kawza tieghu li ghaddiet in gudikat. Tkellem fuq it-tfajla tieghu Wendy Gauci li kienet waqghet overdose. Qal u ammetta li kellu problema ta' droga - eroina. Tkellem fuq l-overdose tat-tfajla tieghu li skondtu gara f'Ottubru tas-sena 2005. Qal illi ghad-droga gieli kien jinqeda minghand Eric detto l-Bambocc, illi hu ndika bhala l-imputat. Qal illi minghandu xtara ghaxar (10) darbiet f'xahar – eroina. Qal illi dan gara f'Settembru, 2003. Zied illi biex jinqeda minghand Eric kien icempillu. Qal illi kienu jiltaqghu hdejn il-bandli jew hdejn l-iskola jew hdejn xi hanut go Rahal Gdid. Qal illi qabel kien imur jiltaqa' mieghu b'karozza hamra, dan dejjem b'referenza ghal Bambocc.

Qal illi kien jixtri d-droga ghal tliet (3) Liri Maltin (Lm3.00)-il pakkett. Din id-droga kienet tkun maghluqa go karta ta' pitazz.

**Wendy Gauci**, it-tfajla tax-xhud precedenti, ikkonfermat illi hi kienet waqghet overdose u li kien Eric illi kien jixtrilha d-droga.

**Keith Felice** wkoll ammetta li kellu problema ta' droga – eroina. Qal illi l-kawza tieghu ghaddiet in gudikat. Qal illi beda f'din il-problema fis-sena 2004, u dam hekk sejjer ghal tminn (8) xhur. Xehed illi l-eroina kien jixtrieha minghand l-imputat illi hu kien jaf bhala Eric u li kien jghidlu l-Bambocc. Kien icempillu u kien jitolbu jgiblu pakkett ta' eroina, dan ghall-prezz tal-hames Liri Maltin (Lm5.00). Zied pero li gieli ma kinx ikollu flus u dan Eric xorta kien jaghtieh.

**Glenn Spiteri** qal illi kien jaf lill-imputat ghax kien imur hdejh il-hanut tieghu ta' Hal Tarxien. Qal illi hu qatt ma kellu problema ta' droga u li qatt ma uza droga. Innega dak illi hu kien qal precedentement lill-Ispettur waqt l-investigazzjoni li Eric kien jiehu d-droga. Qal illi hu kien qal hekk biss ghax ried jehles u kien qed jibza'. Ammetta li hdejh Eric il-hanut kien jaghmel zmien twil. Ammetta li hu kien qal lill-Ispettur li xi hadd kien cempel lil Eric biex jinqeda. Qal issa bil-gurament, illi fil-verita' ma kien jaf b'xejn; illi hu kien qal dan lill-Ispettur ghax ried jitlaq ghax beda jgib lil ommu quddiem ghajnejh. Qal illi hu lill-Ispettura qallha dak illi hi riedet tisma' minghandu, illi riditu jwiegeb. Qal illi Eric hdejh il-hanut kien imur bil-vettura BMW sewda. Ammetta li hu lill-Ispettura kien qallha li Eric kien sejjer jaqdi pakkett. Qal u baqa' jinsisti li hu qal dan lill-Ispettura biex jehles.

Ikkunsidrat ulterjurment:

Kif gia’ ntqal fil-bidu ta’ dawn il-proceduri, l-imputat irrilaxxa stqarrija – dan wara li gie moghti d-debita twissija vigenti dak iz-zmien, allura mhux bl-assistenza ta’ konsulenza legali. Dak iz-zmien tar-rilaxx tal-istqarrija, ghax hu rrilaxxa tnejn (2), Eric Zammit kellu l-eta’ ta’ dsatax(19)-il sena. Il-fedina penali tieghu kienet mittiefsa biss b’reati ta’ sewqan traskurat u hekk relatati.

Varji huma s-sentenzi tal-Qrati taghna li jezaminaw il-vulnerabbilita’ tal-investigat waqt ir-rilaxx ta’ stqarrija. Bla dubbju ta’ xejn, Eric Zammit gie moghti t-twissija skont il-Ligi - dan anke kif xehed PC 246 Vincent Cesare. Harsa lejn iz-zewg stqarrijiet turi wkoll illi Eric Zammit ghazel illi jiffirma z-zewg (2) stqarrijiet minnu rilaxxati. Mhux talli hekk, talli l-ghada tal-ewwel stqarrija, anke wara li gie mistoqsi kif kien qieghed ihossu, ghazel illi jikkoregi l-ewwel verzjoni tieghu. Harsa lejn iz-zewg stqarrijiet turi wkoll illi Eric Zammit tkellem fit-tul mal-pulizija, bla nkwiet.

F’dan ir-rigward il-Qorti ser taghmel referenza ghal zewg decizjonijiet tal-Qrati tal-Appell Kriminali taghna, illi jitrattraw dwar il-vulnerabbilita’ tal-investigat fil-mori tat-tehid tal-istqarrija.

Ghalhekk il-Qorti, fil-kawza fl-ismijiet “***Il-Pulizija vs Alexei Zerafa***” deciza nhar il-31 ta’ Lulju, 2013, qalet hekk:

“*Filwaqt illi m’hemmx dubju illi l-istqarrija in kwistjoni ttieħdet mingħajr tali assistenza stante li l-liġi relattiva ma kinitx in vigore, jirriżulta illi l-appellat kien mgħarraf bil-jedd tiegħu li jibqa’ sieket. Fl-istqarrija nsibu din id-dikjarazzjoni*

*li l-appellat iffirma għaliha bħalma ffirma għall-*istqarrija *sħiħa tiegħu: "M'intix obligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tgħid jista' jinġieb bi prova." Huwa minnu wkoll li ma jirriżultax li l-*appellat *kellu esperjenzi oħrajn ta' interrogazzjonijiet mill-*Pulizija *qabel dan – difatti l-fedina penali hija netta – iżda ma jirriżultawx ċirkostanzi partikolari ta' vulnerabilita`. Imbagħad l-għażla li jwieġeb jew ma jweġibx l-*appellat *seta' jagħmilha bla konsegwenzi ta' xejn u għalhekk tali għażla għamilha b'liberta` sħiħa. Difatti ma saret l-*ebda *allegazzjoni li l-istqarrija tiegħu ma ġietx magħmula minnu volontarjament jew li ġiet imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi (artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali). Konsegwentement f'dan il-każ, stante li ċ-ċirkostanzi kollha juru illi l-istqarrija kienet waħda volontarja, tali stqarrija hi prova valida u ammissibbli.*"

L-istess Qorti tal-Appell Kriminali, fil-kawza fl-ismijiet "*Il-Pulizija vs Debbie Antoinette Vella*" deciza nhar l-10 ta' April, 2013, qalet f'dan ir-rigward tal-ezami tal-vulnerabbilita' tal-investigat:

*"Fil-każ in eżami, kif diġa` osservat, l-appellata kienet mgħarrfa bil-jedd tagħha li tibqa' siekta u ma tweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulha mill-uffiċjal investigatur. Ma jirriżultax li kellha esperjenzi oħrajn ta' interrogazzjonijiet mill-Pulizija qabel dan, iżda l-għażla li twieġeb jew ma tweġibx setgħet tagħmilha bla konsegwenzi ta' xejn u għalhekk tali għażla għamlitha b'liberta` sħiħa. Difatti mhux talli ma saret l-ebda allegazzjoni li l-istqarrija tagħha ma ġietx magħmula minnha volontarjament jew li ġiet imġiegħla jew meħuda b'theddid*

*jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi (artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali), talli fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2011 id-difiża għamlet verbal fejn iddikjarat li "qed teżenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq xhieda tal-identita` u volontarjeta` tal-istqarrija". Ġaladarba d-difiża ma kinitx qed tikkontesta l-volontarjeta` ta' l-istqarrija, huwa kontrosens illi tippretendi illi l-istqarrija tiġi skartata fuq il-bażi unika li l-appellata ma kellhiex assistenza legali. L-istqarrija jew saret b'mod volontarju jew le. U hawn tali volontarjeta` ma ġietx messa in diskussjoni. Konsegwentement in vista tal-fatt li ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-volontarjeta` ta' l-istqarrija ta' l-appellata, f'dan il-każ tali stqarrija hi prova valida u ammissibbli."*

Tqis ghalhekk il-Qorti, a bazi ta' dak suespost, illi l-istqarrija ta' Eric Zammit hija wahda ammissibbli.

Tghaddi ghalhekk il-Qorti biex tezamina l-kontenut taz-zewg (2) stqarrijiet rilaxxati volontarjament u kjarament bla biza' mill-imputat.

Qal illi ma kinx jahdem u li kien jirregista.
Qua karozza, qal illi kellu BMW sewda li ghalkemm ma kinitx registrata fuqu, kien isuqha hu. Zied illi qabel kellu Daewoo bajda.
Ammetta li kien ilu jabbuza mill-eroina ghal erba' (4) xhur u kien jahraqha. Ammetta wkoll illi xhur qabel kien anke jpejjep l-smoke. Qal illi bhala eroina kien jiehu tliet (3) pakketti kuljum ta' erba' Liri Maltin (Lm4.00)-il wiehed, ghalhekk li kuljum kien jixtri bi tnax-il Lira Maltin (Lm12.00)

droga. Qal illi anke kien jixtri ghal haddiehor. Kien jixtri ghal nies bhal Keith, wiehed maghruf bhala l-Hedges minn Hal Tarxien, u iehor miz-Zejtun. Qal illi kien ilu jgibilhom ghal dawn l-ahhar xhur – xahrejn (2) jew tlieta (3). Kienu jaghtuh il-flus u jixtri ghalihom meta hu jmur jinqeda. Qal illi l-unika wiehed illi kien icempillu fuq dan kien dak taz-Zejtun. Qal illi dan taz-Zejtun kien anke semmielu party. Ghaddielu d-droga hdejn il-Gibjun taz-Zejtun. Mar bil-BMW. Qal illi hu lil din il-persuna taz-Zejtun gabilha d-droga ghal erba’ (4) darbiet - smack zgur il-gurnata tal-party, cioe’ s-Sibt ta’ qabel.
Ammetta li s-Sibt ta’ qabel kien gab l-smack kemm ghalih kif ukoll tnejn (2) ghal dak taz-Zejtun.

Fit-tieni stqarrija zied illi z-zghir tal-beritta taz-Zejtun kien cempillu meta kien hdejn Glenn Hal Tarxien, u talbu wiehed. Qal illi kien wara qeda kemm lil Glenn u lil huh Espadon. Qal illi aktar tard dan taz-Zejtun kien cempillu u talbu jgiblu erbgha (4). Tahomlu hdejn il-Gibjun. Tah taghhom tnax-il Lira Maltin (Lm12.00).

Mistoqsi kemm kien ilu jaqdi lil dan taz-Zejtun, wiegeb illi ghalih kien bil-hsieb qabel il-Milied tas-sena 2005.

Ammetta li kien jaqdi lil shabu. Jghid illi forsi kien ilu jaghmel dan ghall-ahhar tlitt (3) xhur.

Qal illi dawn in-nies minn Hal Tarxien kien jaqdiehom xi tliet (3) darbiet fil-gimgha. Qal illi kien johdilhom bi tliet Liri Maltin (Lm3.00)-il pakkett. Qal illi lil taz-Zejtun kien jaqdieh billi gieli tellghu fil-karozza, mentri ta’ Hal Tarxien kien jinzel hdejhom.

Zied ukoll illi bhala ghajnuna finanzjarja kien jircievi xi flus minghand missieru - skondtu dan kien jaghtieh bejn hamsa (5) sa ghaxar (10) Liri Maltin kuljum.

Innega li hu kien ibiegh id-droga biex isostni l-vizzju tieghu.

Qal ukoll illi hu ma' taz-Zejtun, dak illi hu iddeskriva bil-beritta, ma tantx kien habib, pero zied illi xorta kien jixtri d-droga ghalih. Insista li xorta ma kinx izommilhom flus; illi kien izommilhom daqs kemm kien jixtrieha – illi kien igibilhom bi pjacir.

Ikkonsidrat:

Illi tibda l-Qorti biex terga' tikkonferma illi l-istqarrija mehuda fic-cirkostanzi riflessi fl-atti processwali, ghandha ghaliha titqies bhala wahda valida. Terga' tfakkar il-facilita' li tkellem biha l-imputat, fejn anzi anke ghazel illi ghat-tieni darba jaghti kjarifikazzjoni ahjar. Anzi, mill-istess stqarrija anke jidher illi hu staqsa ghal sigarett meta gie offrut café, tant kemm ma kinx hemm xi element ta' sforz, biza', jew vulnerabbilita'.

Stqarrija ohra li tista' taghti sors ta' diskussjoni, inserita f'dawn l-atti, hija dik ta' Clyde Zahra. Din il-Qorti gia' espremiet ruhha fuq dan – saret anke referenza ghal sentenzi moghtija mill-Qrati taghna bhal dik kontra Gravina u Migneco. Ghalkemm tali stqarrija guramentata certament mhix ai termini ta' Al Khawaja and Tahery Case (ara digriet Taghha tas-16 ta' Jannar, 2014 a folio 806 tal-atti), is-"*sole and decisive*" evidenza migjuba, cioe' ssib korraborazzjoni ohra ta' prova mill-atti, din il-Qorti ser taghzel biex aktar timxi a favur l-imputat, illi tiskarta l-istess stqarrija, u dan

stante l-insenjamenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali fid-decizjonijiet hawn imsemmija.

Tibqa’ pero x-xhieda ta’ Michael Mamo, Keith Felice u Glenn Spiteri. Meta l-Qorti tara din ix-xhieda fit-totalita’ taghha, tasal ghall-konvinciment illi fil-fatt Eric Zammit kien qieghed iforni lil dawn bid-droga eroina. Anke jekk tasal biex tinjora dak illi l-imputat qal fl-istqarrija, l-istess r-reticenza ta’ Glenn Spiteri turi kjarament dan – illi issa viva voce jipprova (del resto bhal hafna li tara din il-Qorti), illi jikkonvinci b’mod fjakk lill-Qorti li dak li fl-investigazzjoni kien qal lill-Ispettur Lanzon, qalu biss ghax gie sfurzat. L-Ispettur Lanzon dwar dan kienet ferm cara fid-deposizzjoni taghha.

Illi din il-Qorti fil-fatt m’ghandha ebda dubbju li Eric Zammit kien fil-fatt qieghed iforni droga eroina lil dawn il-persuni msemmija.

Rat f’dan ir-rigward l-Artikolu 22(1B) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, fejn jaghti definizzjoni cara tal-kelma ‘jittraffika’, jghid hekk:

*“Għall-finijiet ta’ din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b’riferenza għal traffikar f’mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f’ dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u l-għoti*

*ta’ informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta’ tali mediċina bi ksur ta’ din l-Ordinanza:*

*Iżda dil-każ ta’ importazzjoni f’ dawk iċ-ċirkostanzi li l- Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni kienet għall-użu esklussiv tal-ħati, id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation kif ukoll l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali, ma jgħoddux.*”

Bla dubbju, Eric Zammit b’azzjonietu li jaghmilha ta’ “*go-in-between*” bejn il-bejjiegh u shabu ta’ “*middle man*”, kien qed iforni u jiddistrubwixxi d-droga eroina, anke jekk dan ghamlu bla qliegh, ghaliex il-Ligi mkien ma titkellem jew trid l-element ta’ profitt biex dan ir-reat ta’ traffikar jigi kostitwit.

Fil-fatt Eric Zammit gie li ssuplixxa d-droga eroina. F’dan il-kuntest, insibu fil-“*Misuse of Drugs and Drug Trafficking Offences, Sixth Edition, Rudi Formston FC*”, illi “*supply involves a transfer of physical control of the ….from one person to another …..that of enabling the recipient to apply the thing handed over to purposes for which he desires*” (page 225)

Mentri fl-istess ktieb insibu li l-kelma distribuzzjoni hija deskritta *"In common usage, 'distributing' means to 'deal out in portions or to share among others'"* (page 221).

Certament u bla dubbju, Eric Zammit kien jaf ben sew ghalfejn ir-riceventi riedu u kienu jixtru minghandu bil-flus id-droga eroina.

Id-Difiza fit-trattazzjoni taghha, lejn l-ahhar tal-istess, wara li qajjem il-punt l-Ufficjal Proeskutur, u ghalkemm iddebattiet it-traffikar, donnha ssuggeriet illi l-agir ta' Eric Zammit fl-aghar ipotesi kellu jitqies hbala traffikar "*by sharing*", bil-vantagg allura li jekk il-Qorti tilqa' dan is-suggeriment, tista' tapplika l-Proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligiijet ta' Malta, li jghid hekk:

*"(9) Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali u d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba ħatja ta' reat kif imsemmi fis-subartikolu (2)(a)(i) jew fis-subartikolu (2)(b)(i):*

*Iżda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż l-ammont u x-xorta tal-mediċina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-*

*għadd u n-natura ta’ kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inklużi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taħt l-Att dwar il-Probation, il-Qorti tkun tal-fehma li l-ħati kien bi ħsiebu jikkonsma l-mediċina f’dak l-istess post flimkien ma’ oħrajn, il-Qorti tista’ tiddeċiedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta’ dan is-subartikolu:*

*Iżda wkoll il-ħati jista’ jikseb benefiċċju għal darba waħda biss mid-disposizzjonijiet tal-proviso li jiġi minnufih qabel dan.”*

Frankament il-Qorti ma taqbel xejn u xejn ma’ dan. Kemm il-Proviso suriferit kif ukoll il-mod kif gie applikat mill-Qrati taghna, u minn din il-Qorti kif preseduta, iwassal ghall-konkluzjoni wahda – illi l-agir tal-imputat ma jista’ qatt jigi deskritt bhala “*trafficking by sharing*”.

Taghmel hawn referenza l-Qorti ghal dak illi qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet “*The Police vs Daniel John Mountford*” deciza nhar id-19 ta’ Frar, 2010, Appell Numru 44/2009.

Il-Qorti hawn iccitat, b’approvazzjoni, dak illi kienet precedentement qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-decizjonijeit fl-ismijiet “*Il-Pulizija vs Russell Bugeja*”, u “*Il-Pulizija vs Marco Galea*”, fejn intqal hekk:

*“Huwa evidenti mid-dicitura tal-ligi li, apparti konsiderazzjonijiet ohra li l-qorti ghandha tizen sew qabel ma tapplika dan l-ewwel proviso (fosthom l-ammont u x-xorta ta’ medicina involuta, ecc), trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser tigi, jew tkun giet, ikkunsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma’ ghall-anqas persuna ohra. Il-kliem “flimkien” u “fl-istess post” jissottolineaw l-element ta’ komunanza – dak li aktar popolarment jissejjah “sharing” – jigifieri li dak li jkollu id-droga intiza ghalih jiddeciedi li jaqsamha ma’ haddiehor f’dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess. Kif inhu risaput, fil-ligi taghna min joffri d-droga, li jkollu ghall-uzu tieghu, lil haddiehor – cioe` jaqsamha ma’ haddiehor – ikun qieghed jipprovdi (“supply” fit-test ingliz) dik id-droga ghall-finijiet tad-definizzjoni ta’ traffikar (Art. 22(1B)), u, per konsegwenza, ikun qed jitraffika dik id-droga. Dak li l-legislatur ried kien li meta jkollok kazijiet zghar u izolati ta’ “sharing” – persuna jkollha d-doga ghaliha u taqsamha ma’ haddiehor – tkun tista’ (izda mhux bilfors – ghalhekk iridu jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz) tigi evitata, ghall-anqas ghall-ewwel darba, il-piena mandatorja ta’ prigunerija b’effett immedjat.”*

Illi certament, l-agir ta’ Eric Zammit kif gia’ spjegat - cioe’ li jixtri d-droga ghal terzi, ma jaqax fid-definizzjoni hawn moghtija ta’ “*trafficking by sharing*”.

Akkuza ohra addebitata lil Eric Zammit hija dik ta’ omicidju nvolontarju tal-guvni Daniel Abela.

Issa kif gia’ qalet il-Qorti, hija ghazlet illi tiskarta x-xhieda guramentata ta’ Clyde Zahra, dan nonostante li zgur ma kinitx is-“*sole and decisive evidence*” migjuba kontra l-imputat.

Illi fil-fatt, l-unika persuna li setghet twassal ghall-konnessjoni bejn il-mewt ta’ Daniel Abela u l-istess imputat, seta’ in parte jkun biss dan Clyde Zahra. Il-Qorti tghid hawn in parte ghaliex fil-fatt, ghalkemm dan Zahra jghid illi verament xtara d-droga minghand Zammit u taha lil Daniel, dak li gara wara ghand Adrian Abela jhalli certu dubbju f’mohh din il-Qorti.

Illi anke jekk ghall-grazzja tal-argument Daniel Abela verament ha d-droga supplita lilu minn Clyde Zahra, u bla dubbju ta’ xejn Daniel miet b’overdose ta’ eroina, pero l-kura dubbjuza li tah Adrian Abela xorta tinduci certi suspetti. Verament jirrizulta li kemm Mamo kif ukoll Wendy li hadu mid-droga provduta minn Zammit sofrew overdose, pero

dawn gew f’sensiehom. Daniel Abela minn naha l-ohra, anke wara li gie meghjun minn huh, mar ghall-aghar. Anke l-fatt illi s-siringi wzati minn Adrian Abela sparixxew misterjozament, ihalli certu dubbju f’mohh din il-Qorti. Xejn fil-verita’ ma jistabilixxi dak in-ness li trid il-Ligi bejn it-tehid tad-droga eroina ta’ Daniel u l-mewt tieghu, mal-imputat – anke jekk Clyde fil-verita’ kien mal-mejjet kif jghid hu l-istess mejjet Fabian, ftit qabel ma mar il-flat ta’ Adrian fejn waqa’ overdose.

Illi ghalhekk din il-Qorti, mancando n-ness, il-causus necessarju bejn l-eroina li ha Daniel u l-mewt tieghu wara, tillibera lil Eric Zammit mill-akkuzi kkontemplati fl-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligiijet ta’ Malta.

Addebitu iehor fl-akkuzi huwa l-aggravant tat-traffikar fid-distanza tal-mitt (100) metru mill-parametru ta’ skola, club, jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu iz- zghazagh.

Illi d-Difiza fit-trattazzjoni taghha sahhet dwar il-fatt illi dan l-aggravju ma giex pruvat.

Ikkunsidrat f’dan ir-rigward:

Illi r-relazzjoni tal-**<u>Perit Richard Aquilina</u>**, li tikkonkludi li dan l-aggravju jirrizulta, hija fil-fatt konkluza fuq dak illi Clyde Zahra wera u ndika lill-Ispettur. Dan jibqa’ l-istess Clyde Zahra li ma setax jigi ezaminat mid-Difiza.

Konsegwentement din il-Qorti ser tiskarta wkoll il-konkluzjoni misjuba fir-relazzjoni mmarkata bhala Dok RA.

Pero Kyle Buhagiar innifsu qal illi hu kien jiltaqa’ mal-imputat hdejn il-bandli jew skola – certament zewg lokalitajiet ben frekwentati minn zghazagh – ghaldaqstant tqis illi dan l-aggravju tal-mitt (100) metru jissussisti.

Qieset ukoll illi l-imputat lejn l-ahhar ta’ dawn il-proceduri, irregistra ammissjoni ghall-pussess semplici ta’ eroina. Intalab Pre-Sentencing Report, pero minhabba l-ammissjoni kwalifikata gie prezentat minflok Social Inquiry Report.

Illi jidher illi fil-mori ta’ dawn il-proceduri, saru anke ‘*urine tests*’ fil-konfront tal-imputat, li taw rizultat fil-pozittiv ghall-morfina u cannabis, dan meta dahal fil-Habs.

Aktar tard testijiet ohra taw rizultat fin-negattiv ghal dawn is-sustanzi.

Fis-Social Inquiry Report redatt minn **Marietta Lanzon**, illi kienet ilha ssegwi lill-imputat fuq Ordni ta’ Supervizjoni ghal erba’ (4) snin, tat stampa pjuttost pozittiva tal-imputat u l-glieda tieghu kontra l-abbuz tal-eroina. Pero xehdet ukoll illi huwa rega’ rrilepsja, waqa’ u ta rizultat pozittiv kemm ghall-opiates u cannabis. Pero kompliet tixhed illi llum (2010) kien sejjer sewwa.

Ikkonsidrat ulterjurment:

Illi detto dan kollu, din il-Qorti ssib htija fil-konfront ta’ Eric Zammit, fuq l-ewwel u t-tieni akkuza (din mezz ghall-fini), u t-tielet akkuza migjuba kontra tieghu, u dan wara li rat ir-Raba u s-Sitt Taqsima tal-Kapitolu 101 tal-Ligijet ta’ Malta, l-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta; Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta; Regolament 9, L.S. 101.02; GN 292/1939, u tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva ta’ erba’ (4) snin; u ghal multa ta’ sitt elef Ewro (€6,000).

Tilliberah kif gia’ premess mir-reati kkontemplati ai termini tal-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligiijet ta’ Malta.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u qieghda tikkundannah ghall-hlas tal-ispejjez peritali ghajr dawk naxxenti mir-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina minhabba dak gia’ premess, dan fl-ammont ta’ mija u wiehed u sittin Ewro u tmienja u sebghin centezmu (€161.78).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------